# LES MISERABLES

**Trevor Zahra**

Jiehdu sehem:

| | |
|---|---|
| VALJEAN | Habsi li aktar tard jikkonverti |
| JAVERT | Direttur tal-habs |
| THENARDIER | Lunkandier |
| Mme. THENARDIER | Martu |
| MARIUS | Zaghzugh |
| ENJOLRAS | Zaghzugh |
| COURFEYRAC | Zaghzugh |
| PHILIPPE | Zaghzugh |
| FANTINE | Mara zaghzugha |
| EPONINE | Tfajla fuq ruhha |
| EPONINE ZGHIRA | Bint it-Thenardiers |
| COSETTE ZGHIRA | Bint Fantine ckejkna |
| COSETTE | Bint Fantine meta tikber |
| ISQOF | |
| SEFTURA | Seftura ta’ l-Isqof |
| FOLLA/SULDATI | |
| KOR | |
| ZEFFIENA | |

## XENA 1 - FIL-HABS

-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

*Jiftah is-Separju fuq il-kanzunetta:*

### Kanzunetta 1 - TOHLOMX *(The Work Song)*

Tohlomx, tohlomx

Zomm harstek biss lejn l-art,

Hawn gew se ddum

Sakemm jidfnuk taht l-art;

Ix-xemx bla qalb;

F'dal-post qeghdin ninxtwew,

Tohlomx, tohlomx

Mhux post il-holm hawn gew.

Mulej, hanin

Dal-wahx ghejejt narah;

Tohlomx, tohlomx,

M'hawn hadd li jimpurtah;

U marti, zgur

Tkun tistennieni d-dar;

Tohlomx, tohlomx

Kulhadd insiek u mar.

Tohlomx, tohlomx

Tamietek la tibnix,

Mulej hanin

L-ghaliex ma tohodnix?

Tohlomx, tohlomx,Ilsir int dejjem tkun;

U bla ma ntbaht

Diga tinsab midfun.

JAVERT — Gibuli quddiemi l-prigunier 24601. Ersaq 'l hawn. Jidher li ghalaqlek iz-zmien u issa se tibdielek il-*parole*. Nittama li taf dan xi jfisser.

VALJEAN — Ifisser li ninsab hieles.

JAVERT — Le! Ifisser biss li se jkollok il-biljett l-isfar tal-*leave*. Imma xorta se tibqa' meqjus bhala halliel.

VALJEAN — Kont biss sraqt hobza.

JAVERT — Kont dhalt go dar privata.

VALJEAN Kont kissirt hgiega ta' tieqa. Ohti kellha tarbija li kienet qed tmut. Konna lkoll qed immutu bil-guh.

JAVERT U terga'tmur bil-guh jekk ma titghallimx xi tfisser il-ligi.

VALJEAN Nahseb li naf xi tfisser! Qattajt 19-il sena shah ilsir tal-ligi.

JAVERT Hekk hu: 5 snin tas-serqa u l-bqija ta' kemm-il darba ppruvajt tahrab. Nafek sewwa 24601.

VALJEAN Ismi huwa Valjean!

JAVERT U ismi huwa Javert. Qatt tinsieni 24601, ghax jien ma se ninsiek qatt!

Tohlomx, tohlomx,

Ilsir int dejjem tkun;

U bla ma ntbaht

Diga tinsab midfun.

Uh Uh Uh Uh... ecc

---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

## XENA 2 - GHAND L-ISQOF

*L-isqof mal-mejda u s-seftura qed tnewwillu l-ikel. Ihabbat il-bieb.*

SEFTURA X'kull wahda... mela issa hin in-nies. Hallihom ihabbtu kemm iridu.

ISQOF Le... Marie! Mur ara min gie....

SEFTURA *(hi u sejra tiftah)* Mhux dejjem l-istess; tallaba, nisa tat-triq, criecer... twajjeb wisq inti eccellenza...

*JIDHOL VALJEAN*

ISQOF Ghaddi ibni. Poggi hawn mal-mejda. Marie, mur giblu platt shun. *(seftur tmur 'il gewwa)*

VALJEAN Sewwa qalli Javert... ghalija mhemmx helsien. Hadd ma jrid jaghtini nitfa xoghol ghax fuq mohhi ghandi t-timbru ta' habsi. Lill-klieb jistmawhom ahjar minni. Sid it-tverna tal-pjazza lanqas ried ihallini norqod fl-istalla mal-bhejjem tieghu.

ISQOF Tinkwetax ibni. Il-fidwa tasal ghal kulhadd.

*Seftura tidhol bl-ikel, tpoggih quddiem VALJEAN u terga' tohrog*

VALJEAN Minbarra ghalija. Meta kont il-habs, shabi kienu habsin bhali u konna nqisu 'l xulxin indaqs. Imma hawn sibt ruhi moghti bis-sieq minn kulhadd.

ISQOF U biex nurik li mhux kulhadd qed jaghtik bis-sieq, se mmur ingiblek qatra nbid tajba. U l-lejla tista' tibqa' torqod hawnhekk.

*ISQOF Jidhol gewwa*.

VALJEAN *(ihares madwaru u jilmah xi haga tal-fidda. Iqum minn postu u johodha f'idejh)*. Fidda mastizz! Din tiswa ghaxar darbiet aktar mill-flus kollha li qlajt tul hajti. Issa l-waqt tieghi.

*VALJEAN jixhet l-oggett go xkora li jkollu f'idu u jitlaq il-barra.*

*Wara ftit tidhol is-seftura. Tintebah li VALJEAN tela qu li ghosfrot ukoll il-fidda.*

SEFTURA Eccellenza... eccellenza....!!!

*JIDHOL L-ISQOF bi flixkun inbid u zerwg tazzi f'idu.*

ISQOF X'inqala' Marie?

SEFTURA Qed tara kif sewwa nghidlek jien. Hemm ara... il-kandlieri tal-fidda ghosru.

ISQOF Eh... Marie, Marie... int mara tassew twajba, imma jahasra ghadek ma fhimt xejn. Dawk kienu qeghdin hemm biex ahna nharsu lejhom u huma jharsu lejna. U ghidi ftit Marie, kemm se ndumu hekk inharsu lejn xulxin bla ma qatt niswew farka gid? Issa l- kandlieri xebghu hemm fil-ghazz u ddecidew li jibdew jghinu ftit l-umanita'. Sar il-hin, Marie. Mur strieh u halli kollox fi hsiebi.

SEFTURA *(aside)* Li kien ghalih jiftah biebu berah u jqassam gidu kollu f'saghtejn. Nispiccaw tajjeb imbaghad... ikollna mmorru nittallbu ahna wkoll. Imbaghad lilna min se jhenn ghalina, eh?

*<u>SEFTURA tidhol gewwa. Wara ftit ihabbatil-bieb. L-ISQOF iqum u jmur jiftah. Jidhlu zewg suldati b'VALJEAN arrestat.</u>*

SULDAT-1 Skuzana eccellenza li gejna niddisturbawk f'dal-hin skomdu. Imma dan il-.... qbadnieh jiggerra b'dawn l-oggetti prezzjuzi f'idejh. Qed jghid li tajthomlu inti.

ISQOF *(lil Valjean)* Poggi habib; u kemm kont mghaggel, x'wahda din, lanqas ilhaqt ghidtlek sahha. *(idur fuq is-Suldati)* Sinjuri, dan il-habib tieghi qalilkom il-verita' kollha. Dawk tajthomli jien rigal. U mhux dawn biss imma *(imur igib zewg gandlieti tal-fidda)* tajtu dawn ukoll, imma bl-ghagla kien fiha nsiehom warajh. Sinjuri, intom tassew haqqhom kull tifhir ghax tafu twettqu dmirkom bl-akbar reqqa. Morru striehu u hallu lil dan il-habib tieghi joqghod ftit iehor hawn, mieghi.

SULDAT-2 Tajjeb mela, eccellenza. Basta kollox sewwa.

ISQOF Kollox sewwa. Il-lejl it-tajjeb.

SULDATI Il-lejl it-tajjeb. *<u>(JITILQU)</u>*

VALJEAN *(wara ftit mumenti ta' sikta u tensjoni)* Ghaliex? Ghaliex?

ISQOF Ghax il-fidwa tasal ghal kulhadd. Habib issa inti hieles tassew. Il-Mulej fdiek mill-hazen. Eluf ta' snin ilu, wiehed mid-dixxipli tieghu kien bieghu ghal ftit bicciet tal-fidda. Izda llum, il-Mulej ghamel mieghek bil-maqlub. Huwa xtara r-ruh tieghek permezz ta' din il-fidda. Hudha. Uzaha tajjeb. U mil-lum ibda hajja gdida f'isem il-Mulej.

*L-ISQOF iferra' zewg tazzi nbid u jaghti wahda minnhom lil VALJEAN*

VALJEAN Sinjur, qatt ma bsart li qalb dan id-dlam kolu se jitfacca ragg ta' dawl. Iva, illum irrid nitwieled mil-gdid.

-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------

## XENA 3 - BARRA L-FABBRIKA

*Nisa hergin mill-fabbrika. MARA-1 ghandha ittra f'idha li qed taqraha flimkien ma' l-ohrajn. FANTINE qed tipprova tohdilha l-ittra minn idha imma mhix qed jirnexxxilha.*

FANTINE Gibuha lil hawn dik l-ittra. M'ghandkom l-ebda dritt taqrawha.

MARA-2 Ghandna kull dritt inkunu nafu x'tip ta' nisa ghandna jahdmu maghna fil-fabbrika.

MARA-3 Monsieur Madeleine dejjem jghid li fil-fabbrika jrid biss nisa ta' l-unur.

MARA-4 Nisa tal-gieh.

MARA-5 F'dawn l-ahhar 8 snin, minn mindu Monsieur Madeleine gie fil-belt taghna u fetah din il-fabbrika, ilkoll hadna r-ruh.

MARA-6 Ghax il-fabbrika ghandha fama tajba.

FANTINE Ghidtilkom dik m'ghandkomx dritt taqrawha!

MARA-1 *(lil FANTINE; bl-ittra f'idha)* Ghandek ragun ma tridniex naqrawha. Mur obsor ghaliha li M'selle Fantine! Ghadha tarbija! Illegittima!

*In-Nisa jduru madwarha xxukkjati u jghajtu kliem bhal:*

NISA X'gharukaza! Se twaqqa' l-fabbrika rispettabbli taghna fil-ghajb. Monsieur Madeleine jehtieg ikun jaf b'kollox. Ma jmissikx tisthi.

FANTINE *(twerzaq u tipprova tiggranfa lil MARA-1)* Aghtuni l-ittra lura.

*JIDHLU VALJEAN u L-IMGHALLEM*

VALJEAN X'inhu jigri hawn? Ghalfejn dan l-istorbju kollu?

MARA-1 Skuzana Monsieur, imma qed jigru certi affarijiet li inti jehtieg tkun taf bihom. *(Tnewwillu l-ittra)*

*VALJEAN jaqra l-ittra.*

VALJEAN Min hija Fantine?

NISA *(jippuntaw subghajhom lejha)* Dik!

VALJEAN *(lil Fantine)* Ersaq lil hawn. X'inhu dan kollu li hawn f'din l-ittra?

FANTINE

Monsieur, iva... ma nichadx. Jien ghandi tarbija. Illum ghandha ??? snin. Missier it-tarbija kien weghedni li jizzewwigni... imma telaqni wahdi; bla saqaf u bla flus. Li kieku ghidt li kelli tarbija hadd ma kien ihaddimni.

VALJEAN

Imma inti taf seww x'inhuma r-regolamenti tal-fabbrika tieghi.

FANTINE

Iva, naf Monsieur. Qarriqt bik bhala Sid il-fabbrika u bhala s-Sindku tal-Belt. Ahfirli; imma kif stajt naqla' l-ghixien tieghi jekk nghid il-verita'. Henn ghalija, Monsieur.

_VALJEAN jigbed fil-genb lill-IMGHALLEM:_

VALJEAN

Bhala mghallem tal-fabbrika dil-bicca taqa' f'idejk. Ara inti x'kastig l-ahjar li taghtiha. Imma tkunx ahrax izzejjed maghha.

*(Idur lejn FANTINE)* Insomma... din mhix bicca tieghi. Hawn l-imghallem u issa jara hu x'jaghmel bik. Il-lejl it-tajjeb.

_VALJEAN JITLAQ_

MGHALLEM

*(Lil Fantine, bil-herra)* Ersaq lil hawn, ja bniedma ingrata.

FANTINE

Henn ghalija Monsieur ????

MGHALLEM

*(lin-nisa l-ohra)* Smajtuha x'qalet? Inhenn ghaliha. U inti hsibt xejn biex thenn ghalina meta dhalt tahdem maghna taparsi mara ta' l-unur? Hennejt ghalina meta rriskjajt li ttebba' l-gieh tal-fabbrika taghna?

NISA Kecciha, Monsieur; kecciha.

FANTINE Le jahasra... ghandi tifla x'nitma'!

MGHALLEM Dawk ukoll ghandhom it-tfal x'jitimghu. Imma kollha tfal ta' l-unur.... legittmi. Familja minghajr misthija.

NISA Kecciha, Monsieur; kecciha.

MGHALLEM Minn ghada stess il-bibien tal-fabbrika ta' Monsieur Madeleine, ghalik huma maghluqin. Jekk biss tirfes l-ghatba insejjah lill-ispettur u jkaxkrek fejn jisthoqqilhom imorru n-nisa tal-qatgha tieghek.

*KULHADD jinfexx jidhal biha u jitilqu 'l gewwa*.

*FANTINE tibqa' wahidha:*

## Kanzunetta 2 - HLOMT *(I Dreamed a Dream)*

FANTINE Fl-imghoddi hlomt qawsalla holm

U l-hajja b'salt weghdiet mimlija,

Hlomt li l-imhabba ma tmut qatt

U li xi hadd se jhenn ghalija.

Kont ghadni zghira w ma nibzax

U l-holm li hlomt ghasartu w hlejtu,

Ma kelli nhallas l-ebda prezz

Ma kienx hemm kant li qatt m'ghannejtu.

Imma t-tigri gew bil-lej'

U carrtuli t-tamiet kollha

Milli bnejt ma fadal xej'

U bidluli l-holm f'duhhan.

Qaghad hawn magenbi tul sajf shih

Imlieli qalbi b'kull sbuhija,

'Mma l-weraq kollu tar mar-rih

U hadu mieghu min jaf fejn.

Bil-lejl bin-nhar jien nohlom bih

Li ghad xi darba jigi lura,

Izd' hawn mewg li qatt ma jistrieh

U holm li qatt ma jiehu sura.

Fl-imghoddi hlomt li l-hajja tkun

Tant differenti minn dik t'issa,

- Nibki s-snin li nohlom domt,

Kif gheb fix-xejn,

Il-holm li hlomt!

-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

## **XENA 4 - FIT-TRIQ**

*Nies ghaddejjin jippassiggaw. FANTINE tersaq fuq uhud minnhom u tbeghelhom l-affarijiet li jkollha fuqha; ez (a) il-glekk (b) ix-xall,*

*(c) xi gizirana (d) brazzuletta.*

*Meta ma jibqghaliex aktar xi tbiegh tholl xagharha, twessa' l-iskoll tal-libsa u toqghod tistenna lill-irgiel ghaddejjin.*

*JERSQU fuqha RAGEL-1 u RAGEL 2.*

*RAGEL-1 jahtafha mill-polz t'dha:*

RAGEL-1 — *(lil RAGEL-2, b'ton ta' timjil)* Xi tghidli ghal din id-*Dukessa?* Tidher ta' demm nobbli!

RAGEL-2 — Oh... X'inti tghid Maurice!!! Din hija *Principessa*. Mintix tara d-demm ikhal fuq haddejha?

FANTINE — Demm nobbli m'ghandix... imma xorta ghandi demm sensittiv bhal taghkom gol-vini tieghi.

RAGEL-1 — U spirituza wkoll il-Principessa taghna! Skuzana li m'gharafniex mill-ewwel in-nobbilta' u l-intelligenza tieghek!

FANTINE — Halluni. Gejtu biex tinsultawni, wkoll!?

RAGEL-2 — *(b'ton insolenti)* Mintix qed tippretendi nifirxulek tapit ahmar, hux?

FANTINE *(lil Ragel-1 li jkun ghadu qed izommha minn idha)* Ghidtlek hallini.

RAGEL-1 Inti mhux taqla' l-flus trid? Ahna lesti naghtuk xi haga... jekk... jekk.... iggib ruhek sewwa maghna.

FANTINE Ma rridx ikolli x'naqsam ma' nies bhalkom.

RAGEL-2 Eh... se toqghod taghzel ukoll, il-Principessa!

RAGEL-1 Imxi qed nghidlek... qabel ma nkaxkrek minn xaghrek.

FANTINE Halluni.... halluni....

*<u>L-IRGIEL JATTAKKAWHA. FANTINE tigref wicc Ragel-1</u>*

RAGEL-1 *(Jghatti wiccu bl-ugigh)* Ajma... ja xitan li int. Ma nistriehx qabel ma nfarraklek ghadmek kollu.

*<u>JIDHOL JAVERT ma' ZEWG SULDATI.</u>*

JAVERT Hawn x'inhu jigri?

RAGEL-1 Il-Bambin baghtek, Sur Spettur... ara x'ghamlitli dik ix-xitan.

*<u>JAVERT minnufih jaghmel sinjal lis-suldati biex jarrestawha</u>*.

RAGEL-2 Hawn jiena stess xhud, Sinjur. Attakkatu qisha kelb feroci.

FANTINE Mhux tassew Sinjur.... huma daru ghalija.

JAVERT U inti x'kont qed taghmel hawn barra f'dal-hin? B'dak l-ilbies fuqek?

RAGEL-1 Ma tistax timmagina, Sur Spettur! Kulhadd jafhom in-nisa tal-qatgha taghha.

JAVERT Tibzax.... dil-belt fi hsiebi nnaddafha min-nies tat-tip tieghek.

*<u>JAVERT u s-Suldati jixhtuha ma' l-art u jibdew jaghtuha bis-sieq u jsawtuha</u>.*

JAVERT Nahlef li kemm indum jiena Spettur ta' dil-Belt kull min jipprova jikser difru mal-ligi jispicca hazin.

RAGEL-1 M'hawnx ghalik Sur Spettur. Nies bhalek irridu ahna.

FANTINE Ajma.... ajma se toqtluni....

*<u>JIDHOL VALJEAN.</u>*

VALJEAN Ieqfu! X'intom taghmel, hemm?

JAVERT *(jersaq fuqu bil-herra).* U min tippretendi li int, biex twaqqaf il-gustizza mill-qadi ta' dmirha.

SULDAT-1 *(jersaq malajr fuq JAVERT)* Dak Monsieur Madeleine, is-Sindku tal-Belt.

JAVERT *(lil VALJEAN... imbarazzat)* Hmmm... skuzani Sur Sindku... jiena wasalt fil-Belt propju dalghodu. Jiena l-Ispettur il-gdid, Monsieur Javert.

VALJEAN Javert!!!

JAVERT Dik il-mara cercura attakkat lil dak is-Sinjur.

RAGEL-1 Ara x'girfa ghamlitli f'wicci Sur Sindku.

VALJEAN U inti x'kont qed taghmel titkellem maghha?

RAGEL-2 Habibi kien ghaddej ghall-affari tieghu.

FANTINE *(bla sahha)* Mhux tassew, Monsieur Madeleine.... kienu huma li attakkawni.

JAVERT *(lil VALJEAN)* Nisa tal-qatgha taghha dejjem hekk jghidu. Halliha f'idejja Sur Sindku ha nkaxkara lejn ic-cella. Hemm zgur hadd ma jattakkaha aktar.

FANTINE Le, le... ghandi tifla ta' ???? snin. Jekk tixhtuni l-habs, binti tmut bil-guh.

JAVERT Dak messek rajtu qabel. *(lis-Suldati)* Kaxkruha lejn il-habs.

VALJEAN Ieqfu. Halluha f'idejja'. Dik kura fi sptar ghandha bzonn u mhux habs.

JAVERT Imma Sur Sindku... kisret il-ligi!

VALJEAN Kollox sew. Smajtkom! Morru u hallu kollox f'idejja.

JAVERT Imma...

VALJEAN *(b'lehen gholi)* MORRU!

*KULHADD JIMXI 'L BARRA. JAVERT JIEQAF NOFS TRIQ U LIL SULDAT-2, jghidlu minn taht l-ilsien:*

JAVERT X'ghidtli li jismu s-Sindku?

SULDAT-2 Monsieur Madeleine!

JAVERT Hmmm.... Monsieur Madeleine; imma wiccu mhux gdid ghalija. U lanqas lehnu! Donnu qed ifakkarni f'xi hadd li kont naf snin twal ilu. Hmmm.... Monsieur Madeleine!

*JITLQU 'L GEWWA.*

*VALJEAN jersaq lejn FANTINE.  Jitbaxxa hdejha u jerfghalha rasha go hogru.*

FANTINE — Qed tara fiex gibtni!  Issa tard wisq biex tghinni....

VALJEAN — Jien?  X'inti tghid Sinjura!?

FANTINE — Mhux inti kont li hallejthom ikeccuni mill-fabbrika tieghek, minhabba t-tarbija tieghi.  Issa ara fiex kelli nsib ruhi!  Imma issa tard wisq.  Sahhti spiccat.

VALJEAN — Issa qed naghrafek. Fantine.  Skuzani... ma kontx naf li keccewk.  Ma ridthomx ikeccuk...

FANTINE — Se mmut bla ma nilhaq nara lil binti Cosette.

VALJEAN — Fejn tinsab bintek?

FANTINE — 'Il boghod.  Qed tghix ma' koppja fil-belt ta' Montfermeil. Nitolbok... ha zomm din l-ittra f'idejk.  Din il-kitba taghtik id-dritt tigbor lil Cosette daqs lil kieku kienet bintek.  Mur u hudha lura...

VALJEAN — Tibzax... halli kollox fi hsiebi.  Lil bintek terga' taraha  zgur.

FANTINE — Le... lil binti qatt ma jiena se nerga' naraha.  Sinjur... kun inti ghaliha l-missier li qatt ma kellha.  Ghaziza Cosette... tieghi... ghaziza Cosette...  Cosette... *(tmut).*

VALJEAN — Fantine... Fantine..

*JIDHOL JAVERT.*

JAVERT *(lilu nnifsu)* Jiena wicc ma ninsieh qatt. Gharaftu! Hu kollu kemm hu.

VALJEAN Minflok hennejtu ghaliha... qtiltuha.

JAVERT Sur Sindku... qatlitha l-hajja skandaluza li kienet qed tghix. Kull min jikser difru mal-ligi fl-ahhar mill-ahhar jithallas. L-id twila tal-ligi sa fl-ahhar tilhaq lill-hatjin kollha. L-istess bhalma gralu certu habsi li kiser il-*parole* tieghu tmien snin ilu. Kienu certu halliel, habsi maghruf bhala 24601. Ilna tmien snin infittxuh. Imma issa sa fl-ahhar qbadnieh....

VALJEAN *(mahsud)* X'inhu? Qbadtuh?

JAVERT Iva... u ghada stess se jitressaq quddiem il-qorti.

VALJEAN Imma kif intom certi li hu?

JAVERT Ghax jien ghamilt snin twal kummissarju tal-habs. Gharaftu.

VALJEAN *(lilu nnifsu)* Le, ma jistax ikun. Dak innocenti. Ma nistax nibqa' sieket aktar.

## **Kanzunetta 3 - Min Jien?** *(Who Am I?)*

VALJEAN Min jien, jien?

Kif nista’ lil dal-bniedem ninjorah

W ghal hajtu kollha f’habs nikkundannah?

Bis-salib tieghi fuq spallejh

U t-telgha tiela’ gharrkobbtejh...

U min jien, jien?

F’dal-habi w giri nhossni iss’ghejet

Kif nista’ nemmen qatt li veru nfdejt?

Ma rridx li ismi sa ma mmut

Ikun il-komplici u x-xhud,

Wisq ahjar maqbud!

Inkella paci vera qatt ma nsib,

Go ruhi qatt ma nsib serhan mill-gdid;

Lil Alla ruhi tajtha jien

Dal-patt ghamiltu ilu zmien

Kien hu li mlieni bil-kuragg

-- Biex b’rieda nkompli l-vjagg

Min jien, jien?

Min jien, jien?

Jien Jean Valjean!

Javert, tithasseb mhemmx ghalfejn

L-akkuzat ma jahti xejn

Min jien, jien?

tnejn-erbgha-sitta-zero-wiehed

JAVERT Waqajt fin-nassa tieghi! Mela sewwa hsibt malli lmahtek quddiemi. Inti tinsab taht arrest Sur Sindku.

VALJEAN Iva... kollox sew, imma l-ewwel irrid niehu hsieb nigbor lil bint dik l-imsejkna... lil Cosette.

JAVERT Issa mhemmx aktar skuzi. Int se tigi mieghi issa stess.

VALJEAN Le. L-ewwel Cosette! *(Jitlaq jigri 'l barra)*

JAVERT Suldati... suldati.. haffu.. isaw.

-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------

## XENA 5 - FIT-TVERNA

*Mme. THENARDIER qed tahdem. Wara ftit tidhol COSETTE*

Mme.THENARDIER Hawn hi, waslet il-*Mademoiselle*. Meta se tibghatli aktar flus ommok, ghid? L-ghaxar franki li baghtitli l-ahhar tghidx kemm ilhom li spiccaw. Tippretendinix nitimghek ic-canga, wkoll?! Eh... tort taghna! Qatt ma messna twikkejna bik. Kien l-akbar zball ta' hajjitna... tarax... jekk tohrog bhal ommok.. ikun tassew fik ghaxqa!

*TIDHOL EPONINE.*

Mme.THENARDIER Ara, Eponine, ruhi; ersaq lil hawn ha narak sewwa. Kif thossok ruhi? Ghogbok it-tuffieh bil-krema?

EPONINE — Iva, mama'.

Mme.THENARDIER — Dazgur li ghogbok. Issa rridu nhaffu tafx, ruhi, ghax dalwaqt jibdew jaslu n-nies u rridek izzanzan il-libsa l-gdida. Xi tghid eh? Min jaf kemm se tkun tixraqlek? *(tiftakar f'Cosette li tkun ghadha mrekkna dil-genb)*

Int ghadek hawn? Mur fittex imla l-bramel bl-ilma mill-bir.

COSETTE — Jekk joghgbok, Madame... mhux mill-bir; daqskemm ikun hemm dlam!

Mme.THENARDIER — Int se tisma' minni, jew se ggeghelni ninsa kif inkun helwa u qalbi tajba. Mur. *(Terga' ddur fuq Eponine)* Ejja, Eponine, ruhi ghax ahna ghad irridu lelstu hafna affarijiet.

*Mme.THENARDIER u EPONINE jitilqu.*

*Tibqa' COSETTE wahidha.*

## Kanzunetta 4 - Kastell fis-Smewwiet *(Castle on a Cloud?)*

COSETTE — Naf b'kastell sbejjah fis-smewwiet

Li fil-holm tieghi nghammar fih

Bla ma nikinsu jkun nadif

Dal-kastell tieghi fis-smewwiet.

Hemm gugarelli kbar u zghar,

Jilaghbu bihom gzuz ta' tfal,

Minghajr aghjat u minghajr glied,

F'dal-kastell tieghi fis-smewwiet.

Hemm mara helwa b'ghajnejn sbieh

Maghha thaddanni minnufih,

Tghannili ghanja mill-ohla nett;

U tghid "Tibzax, inhobbok jien, Cosette!"

F'dal-post ma jitlef hadd it-triq

F'dal-post mhemmx biki w mhemmx ilfiq

Mhemmx swied ta' qalb u mhemmx inkwiet

F'dal-kastell tieghi fis-smewwiet.

*COSETTE TITLAQ*

*JIBDEW DEHLIN SALT NIES.*

*THENARDIER JOHROG JILQAGHHOM.*

*WARA FTIT TIDHOL UKOLL COSETTE ISSERVIHOM.*

THENARDIER — Ghaddu sinjuri, ghaddu *(aside:)* Nirra' x-xjaten igorruhom. X'se ngibilkom illum? Eh.. indunajt jien. Flixkun inbid minn dawk li jkolli nwarrbin, hux tassew?

KLIJENT-1 — Kieku kollha mwarrbin ikunu, tassew... imma kollha toghma wahda.

KLIJENT-2 *(lil Klijent-1)* Af li dal-post tassew sejjer mill-hazin ghall-aghar. Kieku qatt issib qatra suret in-nies.

KLIJENT-3 Imma Monsieur Thenardier ma tantx jidher li sejjer ghall-aghar. Minn fuq daharna rnexxielu jisloh kemxa gmielha.

KLIJENT-4 Mhux minn fuq daharna biss. Jien taf x'kont smajt? Meta kien suldat fil-battalja ta' *Waterloo,* jghidu li kien idur is-suldati mejtin u jisirqilhom kull ma jkollhom fuqhom.

KLIJENT-5 Iva... din smajtha anki jien. Apna l-Francizi l-battalja tlifnieha... imma Monsieur Thenardier, rebahha sewwa 'kk ikolli nghid!

*JIDHOL KLIJENT GDID (b'xi bagalja f'idu)*

THENARDIER Ghaddi sinjur, qatt ma rajtek 'il dawn in-nahiet. Oqghod komdu. Xi tridni ngiblek?

KLIJENT-GDID Tazza nbid mill-itjeb li ghandek.

## Kanzunetta 5 - Kap tad-Dar Famuz *(Master of the House)*

THENARDIER Merhhba sinjur,

Hawn tiehu gost,

Din hi l-ahjar

Lukanda tal-post;

Hemm hafn' ohrajn

Immexxijin

Min-nies bla qalb

Tassew hallelin.

Bhali ibqa’ cert

M’int se ssib imkien

Onest u b’sebghu dritt

Tant kuntent kif jien

Kap tad-dar famuz

Ma ninsiekom qatt

Jien b’dirghajja berah

Nghannaq lil kulhadd

Nirrakkonta c-cajt

Hafna praspar sbieh

Il-klijenti japprezzaw gentlom ferrieh

Biex pjacir malajr naghmillek

Jirnexxili nsib kull mezz

'Mma b'xejn zgur xejn ma naghti

Ta’ kull haga jkollok thallas prezz

Kap famuz tad-dar

Jghin lil min batut

Anki lest li nghinhom

Biex ihaffu l-but

Nghammed ftit l-inbid

Bla jintebhu xejn

Xhin narahom xurbana

Niccargjahom darbtejn

Tabilhaqq manjeri ghandi

Raffinati u helwin

Naf sewwa kif noghgobhom

Anki naf kif nislohhom hajjin.

**THENARDIER u KLIJENTI** Kap tad-dar famuz

Zgur li tinnotah

Qatt ma jhalli jghaddi 'l hadd

Bla josservah

Jaqdi z-zghar u 'll-kbar

Jaf kif idur bik,

Dan filosfu w konfessur

Habib antik

Malli tidhol f'dal-post tieghu

Thossok bhal vapur gol-port

THENARDIER 'Kk il-basket ma taqflux

Jien nixorbilkom zgur sa l-inqas sold

Merhba sinjur

Ghidli x'tixtieq

Nehhei z-zarbun

U strieh ftit mit-triq

Din tqila comb

Izda trid tqis

Li xoghli hu

Nhaffiflek il-piz;

Hemm serduk gol-forn

Minn dawk is-sbieh nett

U zgur ma naghtik xejn

Jekk ma jkunx perfett

Ikel bhal mhu dan

Ma ssibux kull hin

Kollox horrox borrox

Nghid li hu genwin

Kilwa ta’ xi hmar

Fwied ta’ kelb marid

Iz-zalzett nimlielhom

Bl-imbarazz li nsib

Jekk trid forsi tikri kamra

Minn fejn taghzel hawn tghidx kemm

Prezzijiet hmerija

B’naqra zieda ckejkna 'l hawn u 'l hemm

Thallas tal-wirdien

Thallas tal-gurdien

Thallas jekk quddiem il-mera tahli z-zmien

Hawn innaqqas sold

Hawn inzid xelin

Thallas jekk it-twieqi zzommhom aghluqin

Zgur hadd ma jinqala’ daqsu

Sabiex jghodd il-kontijiet

Jibda jzid kemm jista’

B’kull ma jghodd mal-lista

Xbin il-kont kif jitla’ mas-smewwiet

**THENARDIER u KLIJENTI** Kap tad-dar famuz

Zgur li tinnotah

Qatt ma jhalli jghaddi 'l hadd

Bla josservah

Jaqdi z-zghar u 'll-kbar

Jaf kif idur bik,

Dan filosfu w konfessur

Habib antik

Malli tidhol f’dal-post tiehhu

Thossok qisek dhalt id-dar

THENARDIER Dawn kollha’ mposturi

Haqq ix-xjafek x’erba’ nies mill-aghar!

Mme.THENARDIER Oh kemm kont hlomt

Li princep ghad insib

Imm’ hawn arawni

Kif twikkejt b’dan is-salib

Kap famuz tad-dar

Haqqu jtuh daqqtejn

Dan filosfu w konfessur

Ma jisw’ ghal xejn

Zgur ma jkunx kuntent

Jekk ma jiffanfrax

Jahseb illi ghadu

Guvni ta’ tmintax

Dan tassew kien destin kiefer

Li wikkieni b’dax-xadin,

Tabilhaqq miraklu

Kif ghext ma’ mbecilli ghal tant snin

**THENARDIER u KLIJENTI** Kap famuz tad-dar

Mme.THENARDIER Kap ta’ kull tgerfix

**THENARDIER u KLIJENTI** Dan filosfu w konfessur

Mme.THENARDIER U ddahhkunix

**THENARDIER u KLIJENTI** Jaqdi z-zghar u 'll-kbar

Jaf kif idur bik,

Mme.THENARDIER Jaf kif idur mieghek

Sa ma jittradik

**THENARDIER u KLIJENTI** Rizq u barka 'll-kap tat-tvern

J’Alla jkollu aktar flus

THENARDIER Ejja niehdu grokk flimkien

Mme.THENARDIER F’gieh tal-kap li qatt ma kien

KULHADD Ejjew halli niehdu grokk f’gieh il-kap tad-dar famuz

---------------------------------------------------------------

*NIES JITILQU*

*JIBQGHU Mme.THENARDIER, THENARDIER u COSETTE*

*JIDHOL VALJEAN*

THENARDIER *(lil martu)* Illum donnha gejja tajba l-bicca. *(lil VALJEAN)* Ghaddi sinjur. Fiex nistghu nsevuk?

VALJEAN Flixkun inbid Bordeaux (??)

THENARDIER Bordeaux!!! *(aside lil martu)* Jidher tat-tajjeb ir-ragel. Dazgur sinjur. Donnok tifhem sewwa fl--inbejjed. Jien dejjem hekk nghid, m’hawnx itjeb mill-Bordeaux! Cosette mur fittex newwel flixkun inbid minn dawk tal-kaxxa s-safra.

Mme.THENARDIER U ara ma twaqqghux ghax nohodhulek minn demmek.

*COSETTE TITLAQ*

THENARDIER Monsieur fi hsiebu jghaddi l-lejl maghna?

VALJEAN Iva.... jekk ghandkom xi kamra battala.

THENARDIER *(lil martu, b'teghmiza)* Ghaziza tieghi, ma nahsibx li fadlilna kmamar battala l-lejla, hux hekk? Kollha mikrijin.

Mme.THENARDIER *(ma tifhumx mill-ewwel)* X'inti thawwad... mhux zgur hemm tnejn okkupati.

THENARDIER *(jidhol fuqha)*.... li mhumiex okkupati. Hux tassew ghaziza tieghi? KOLLHA OKKUPATI!

Mme.THENARDIER *(tifhmu)* Eh... iva, iva.. dazgur. Kollha okkupati.

THENARDIER Fadal biss il-kamra tad-damask. Dik nerfghuha biss ghal xi hadd specjali.

VALJEAN Ma jimpurtax.

THENARDIER Dik kemm nikruha soltu, ghaziza tieghi?

Mme.THENARDIER Eh.. dik kamra specjali. Id-Duka de Remis kien raqad tliet iljieli fiha.

THENARDIER Hekk hu. Mela, mela... dik nikruha tletin frank kull lejl.

VALJEAN Tletin frank, kollox sew.

THENARDIER *(aside, lil martu)* Dan waqa' mis-sema.

*TIDHOL COSETTE bl-inbid. THENARDIER jhatfilha l-flixkun minn idha*.

THENARDIER Halli nferraghlu jiena lil Monsieur.

*THENARDIER iferraghlu l-inbid, VALJEAN jixrob u jhares lejn Cosette. Wara ftit*.

VALJEAN Tidher biezla dik it-tifla.

Mme.THENARDIER Mhux daqskemm ghandha tkun. Ghadek ma tafx x'pacenzja jkollna niehdu biha Monsieur! Is-salib ta'hajjitna!

VALJEAN Tithajru taghtuhieli?

Mme.THENARDIER X'inhu??

THENARDIER X'inti ghid, Monsieur. Ma tarax!

VALJEAN Naghtikom prezz tajjeb.

THENARDIER Monsieur, dik it-tifla... tassew li, hmmm... tinkwetana xi ftit; ghaqal tat-tfal, taf int; imma saret parti mill-familja taghna. Hux tassew ghaziza tieghi?

Mme.THENARDIER Dazgur, dazgur.... ma nhalluha nieqsa minn xejn.  Saret qisha t-tifla taghna.

VALJEAN Naghtikom mitt frank.

Mme.THENARDIER *(iddur fuq zewgaha ferhana u ecitata)* Mitt frank!?

THENARDIER Le, le, Monsieur, ma jistax ikun.  Dik it-tifla marbuta wisq ma' qalbna.

VALJEAN Mija u hamsin frank.

Mme.THENARDIER *(b'aktar ecitament... aside)* Mija u hamsin frank.  Ghidlu iva, haffef.  Fejn qatt rajna daqshekk flus f'salt?

THENARDIER Monsieur, skuzani li qed inkun iebes mieghek, imma din mhix kwestjoni ta' flus.

VALJEAN Kif, mhix kwestjoni ta' flus!?

THENARDIER Ghax dik it-tifla hija l-mimmi t'ghajnejna.  Hux tassew ghaziza tieghi?

VALJEAN Jigifieri, mhux kwestjoni ta' flus.

THENARDIER Hekk hu!

VALJEAN Tajjeb! Qed niehu gost nisimghek tghid hekk. Hawn ara, ghandi ittra minghand ommha li taghtini d-dritt niehu t-tifla. Ejja Cosette. Tlaqna. Il-lejl it-tajjeb sinjuri. U l-kamra tad-damask erfghuha ghal meta jerga' jigi d-Duka.

-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------

## XENA 6 - PARIGI

*ENJOLRAS qed ikellem lil-folla. Mieghu hemm ukoll MARIUS, COURFEYRAC, EPONINE, it-tfajjel PHILIPPE..ecc*

ENJOLRAS Hbieb, sa fl-ahhar is-siegha taghna waslet. Kif hafna minkom jafu, i-General La Marque, l-uniku bniedem li kien jaqbez ghalina tassew, issa jinsab fuq is-sodda tal-mewt. U malli jmut hu ahna nkunu sibna rwiehna ltiema tabilhaqq. U bhala ltiema jehtieg li nibdew infendu ghal rasna. Inqumu fuq taghna.

FOLLA *(Aghjat ta' approvazzjoni)* Iva.. iva.. inqumu...!

ENJOLRAS Il-mewt tal-General La Marque ghandha tkun is-sinjal taghna. Imma nehtiegu l-appogg shiha taghkom. Se nsibuh minghandkom dan l-appogg??

FOLLA Iva.. Iva...

ENJOLRAS Se nsibukom warajna.

FOLLA Iva.. dejjem!

ENJOLRAS — Mela lestu ruhkom u qisu li malli nsejhulkom, insibukom lesti. Pajjizna qed isejhilna! Il-futur ta' pajjizna jinsab f'idejna. Liberta'! Liberta'!

*Il-FOLLA tinfexx tghajjat "LIBERTA'" u titferrex. ENJOLRAS u xi studenti jibqghu jitkellmu fil-background.*

*EPONINE tersaq lejn MARIUS.*

EPONINE — Kemm kont mitluf tisma' d-diskors imqanqal ta' sehibna.

MARIUS — Ara Epinone... lanqas kont intbaht bik.

EPONINE — Dan l-ahhar donnha qed issir drawwa din tieghek. Ma tantx sirt tintebah bija malajr.

MARIUS — U.. ma tafx int, Eponine. Ghaddejjin minn zminijiet imwieghra. ma jhallulek mohh ta' xejn.

EPONINE — Aktar ma jkunu zminijiet imwieghra aktar ikollok bzonn lil min jifhmek; lil min lest ikun hdejk il-hin kollu... lil min jissapportjak f'dak kollu li taghmel.

MARIUS — Eponine... int qalbek tajba zzejjed!

*JIDHLU Mme.THENARDIER u THENARDIER*

THENARDIER — *(imur fuq Eponine)* Ah... hawn int, Eponine ruhi. Tajjeb li ltqajna mieghek. Jista' jkun li jkollna bzonn l-ghajnuna tieghek.

Mme.THENARDIER Hawn folla aktar mis-soltu jiggerra mat-triqat.

THENARDIER U hawn erba' min-nies tal-flus. Issa l-waqt li... hmmm... li nbillu ftit subghajna.

EPONINE Xi serqa ohra?

THENARDIER Oh.. x'inti tghid, ruhi? Il-kelma "serqa" hija kelma goffa. Ejja nsejhulha attakk. L-istudenti qed ihejju attakk fuq l-artistokrazija tal-belt... u ahna wkoll fi hsiena nattakkaw bil-mod taghna. *(lil martu)* Xi tghid ghaziza tieghi.

Mme.THENARDIER Nattakkaw il-but!

THENARDIER *(ihares 'l gewwa u jilmah lil xi hadd riesaq)* Isktu isktu donnu riesaq xi hadd. L-istrategija tas-soltu mela, eh... intom taljenawhom bid-diskors u l-bqija ghalija.

*JIDHLU VALJEAN u COSETTE*

COSETTE Papa' jiena smajt li fil-Belt dalwaqt se jqum inkwiet kbir. L-istudenti ma jistghux jibqghu jissaportu aktar. Smajt lil wiehed minnhom jitkellem u d-diskors tieghu hassejtu jaghmel hafna sens.

Mme.THENARDIER Il-lejl it-tajjeb Sinjuri. Ma tafux tghiduli min fejn nghaddi ghal Rue du Pxat, hux?

VALJEAN *(b'ironija)* Sinjura nahseb li dawn l-inhawi inti tafhom aktar minna. Il-lejl it-tajjeb.

*<u>VALJEAN ikun se jkompli triqtu imma THENARDIER jidhol quddiemu.</u>*

THENARDIER — Marti staqsietkom mistoqsija civili. Jaqaw inti trid taqla' l-inkwiet?

VALJEAN — Nahseb inti taf aktar minni min irid jaqla' l-inwiet.

*<u>MARIUS jidhol fin-nofs.</u>*

MARIUS — *(lil Thenardier)* Halluhom fil-paci.

THENARDIER — *(lil Marius)* Mhux ahjar *<u>int</u>*, thalli *<u>lilna</u>* fil-paci?

MARIUS — *(Bil-herra)* Ghidtlek hallihom ha jkompli sejrin ghall-affari taghhom.

THENARDIER — Issa se ttellifni sabri. Mur ara x'ghandek x'taghmel u lilna hallina nwettqu xogholna bil-kwiet.

MARIUS — *(isejjah lil shabu)* Hbieb.... hawn is-sinuri ghandhom bzonn il-protezzjoni taghna.

*<u>SHAB MARIUS jersqu qrib.</u>*

ENJOLRAS — X'gara Marius?

VALJEAN Cosette, m'ghandniex ghalfejn inkompli nitlajjaw aktar lil hawn tlaqna.

MARIUS *(lil Cosette)* Mademoiselle, niskuza ruhi f'isem dawn il-..... is-sinjuri.

THENARDIER *(lil martu)* Smajtu sewwa jiena. Qalilha Cosette?

Mme.THENARDIER Hekk deherli jien ukoll.

<u>*JIDHOL JAVERT mas-Suldati.*</u>

JAVERT *(Lit-Thenardiers)* Eh, mela sibniekom sa fl-ahhar. Ilna l-jum kollu nsegwu l-passi taghkom.

THENARDIER Lilna qed tghid Mons....? Ahna cittadini sinciera u b'subghajna dritt.

VALJEAN *(lil Cosette)* Imxi nitilqu minn hawn. Hawnhekk mhux postna.

MARIUS Il-lejla it-tajjeb Mademoiselle.

<u>*VALJEAN u COSETTE jitilqu.*</u>

JAVERT Subghajkom dritt. Hsibtuni li ma nafx bil-praspar taghkom.

Mme.THENARDIER *(lil zewgha).* Iva... issa qed niftakar. Cosette... it-tifla li snin ilu konna qed niehdu hsiebha. U dak huwa dak il-viljakk li kien gie u hadha.

THENARDIER Iva... mela x'inhu. *(idur fuq Javert).* Mons... jien nahseb li inti mhux lilna ghandek tarresta, izda lil dak li ghadu kemm telaq ma Cosette. Snin ilu dak kiej serqilna tifla li konna responsabbli taghha.

JAVERT *(allarmat)* X'ghidtu? Cosette? U kemm ilu dan?

THENARDIER Xi kemm ilu ghaziza tiegh?

Mme.THENARDIER Daqs tnax-il sena ilu.

JAVERT Tnax-il sena ilu. Hu kollu kemm hu. Valjean. Suldati, jehtieg li nhaffu. Imxu mieghi.

*<u>JAVERT u s-Suldati jitilqu.</u>*

THENARDIER Did-darba gietna tajba. Nahseb jaqbel indabbru rasna qabel ikun tard wisq.

Mme.THENARDIER Eponine ruhi, inti gejja maghna?

EPONINE Mhux ghalissa. Aktar tard.

THENARDIER *(lil martu)* Imxi haffef...

*<u>THENARDIER u Mme.THENARDIER JITILQU</u>*

MARIUS Inti tafha lil dik it-tfajla?

EPONINE Lil Cosette?

MARIUS Iva. Tafha?

EPONINE Snin ilu konna trabbejna flimkien. Qatt ma bsart li se nerga' niltaqa' maghha. Saret tfajla sinjura.

MARIUS Eponine... jekk joghgbok... mur u ara titkixxiflix fejn toqghod.

EPONINE U x'inhu dan l-interess kollu fiha?

MARIUS Eponine... nitolbok. Jekk inti tassew habib tieghi jehtieg li tghinni. Fittex tkixxifli dwarha. Cosette!

EPONINE *(bi swied il-qalb)* Habiba tieghek. Kollox sew. Nitkixxiflek.

*<u>COSETTE titlaq. JIDHOL jigri PHILIPPE flimkien ma' folla nies.</u>*

PHILIPPE Hbieb.... il-General La Marque ghadu kemm miet.

ENJOLRAS Mela din hija s-siegha taghna. Dan huwa l-waqt. Cittadini ta' Parigi... pajjizna qed isejhilna.

## **Kanzunetta 6 - B'Lehen Shih** *(Do You Hear the People Sing)*

ENJOLRAS

Isma' l-poplu b'lehen shih

Jghanni din l-ghanja tal-helsien;

Hi l-ghanja ta' min qata' l-ktajjen

U kull jasar gab fit-tmiem;

Meta qalbek thabbat sod

Ma' kull tahbita tat-tanbur,

Hemm hajja gdida ghal kulhadd

Sew ma' sbih il-jum.

STUDENT

Ejja nghaqad f'dat-taqbid

Ha nattakkaw ilkoll flimkien,

'L hemm wara dan il-hajt

Hemm hajja gdida kollha sliem.

ENJOLRAS

Fil-glied quddiemnett

Biex illum niksbu l-jedd tal-helsien.

KULHADD

Isma’ l-poplu b’lehen shih
Jghanni din l-ghanja tal-helsien;
Hi l-ghanja ta’ min qata’ l-ktajjen
U kull jasar gab fit-tmiem;
Meta qalbek thabbat sod
Ma’ kull tahbita tat-tanbur,
Hemm hajja gdida ghal kulhadd
Sew ma’ sbih il-jum.

ENJOLRAS

Fit-taqbid bla kompromess
Ha nerfghu fl-gholi l-istandard,
Ej' naqbdu r-ritmu tal-progress
Neqirdu l-guh u l-mard!
U d-demm ta’ kull martri
Se jsaqqi l-wesghat ta’ din l-art!

KULHADD

Isma’ l-poplu b’lehen shih
Jghanni din l-ghanja tal-helsien;
Hi l-ghanja ta’ min qata’ l-ktajjen
U kull jasar gab fit-tmiem;
Meta qalbek thabbat sod
Ma’ kull tahbita tat-tanbur,
Hemm hajja gdida ghal kulhadd

Sew ma’ sbih il-jum.

Isma’ l-poplu b’lehen shih
Jghanni din l-ghanja tal-helsien;
Hi l-ghanja ta’ min qata’ l-ktajjen
U kull jasar gab fit-tmiem;
Meta qalbek thabbat sod
Ma’ kull tahbita tat-tanbur,
Hemm hajja gdida ghal kulhadd
Sew ma’ sbih il-jum.

---------------------------------------------------------------

*<u>TIDHOL EPONINE</u>*

EPONINE — *(b’certa bruda fuqha)* Sibtlek fejn toqghod it-tfajla li tlift rasek warajha.

MARIUS — Tassew? Eponine... inti tassew m’hawnx bhalek. Fittex ghidli.

EPONINE — Toqghd Rue Plumet, fid-dar tat-twieqi kbar hodor u gallerija kollha xtieli.

MARIUS — Grazzi hanini *(jipprova jghannaqha... imma Eponine tingibed kemxejn lura)* Se mmur infittixha issa stess. Forsi nerga’ naraha.

*<u>MARIUS JITLAQ</u>*

EPONINE

Issa nista' nghid li tliftu ghal dejjem. Meta konna ghadna tfal jien Cosete trabbejna flimkien. Jien trabbejt fil-gid u fil-fsied u kelli kull ma rrid waqt li Cosette ma kellha xejn u hlief mohqrija ma ratx. Issa jidher li l-folja se tinqaleb u Cosette se tohodli l-ghezez haga li kelli. U se nisfa wahdi.

## **Kanzunetta 7 - Wahdi Biss** *(On My Own)*

EPONINE

Wahdi biss

Nimmaginah hawn hdejja

Wahdi biss nghix mieghu sa filghodu

Bla mhu hawn

Inhoss idejh f'idejja

U xhin nitlef it-triq b'ghajnejn maghluqa

Nsibu hdejja

F'xita qliel it-triq issir fiddiena

U bid-dwal ix-xmara tkun leqqiena

Fid-dlam cappa, is-sigar jimtlew kwiekeb

U nilmah lilna t-tnejn flimkien, ghal dejjem hekk ghal dejjem.

U jien naf, dawn huwa biss sthajjil,

Qed nitkellem biss mal-hajt ghax hu mhux hawn,

W ghalkemm naf l'hu trux ghal dat-tqanqil

Xorta rrid

Triq insib -- x'imkien.

Inhobbu

’Mma meta l-lejl jispicca

Dlonk imur,

Fix-xmara m’ghadx hemm dija

Minghajru

Dinjieti mistohbija

Is-sigar twal m’ghadx ghandhom dwal

It-triq bil-bahh miksija.

Inhobbu

'Mma issa hadt lezzjoni

Indunajt

Li ghext biss f’illuzjoni

Minghajri

Hu jibqa’ jghix bhal dari

Jghix hajja kollha ferh u gmiel

Ferh li ghalih ma tbielx,

Inhobbu, noholmu, nixtiequ

’Mma wahdi... wahdi biss!

---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

## XENA 7 - PARIGI

*VALJEAN u COSETTE*

VALJEAN — Binti, inti taf li hadd ma jixtieqlek gid daqsi. Taf li jien m'ghandi xejn f'hajti hlief lilek. Ipprova afda fija: dak il-guvni m'ghandekx xi tridu. Inti taf li ahna dejjem niggerrew minn post ghal iehor.

COSETTE — Papa'... iva, naf li inti qatt ma hallejtni neqsa minn xejn. Imma inti mintix tirrealizza li jien m'ghadnix tifla. U li sirt nosserva hafna hwejjeg.

VALJEAN — Xi hwejjeg huma? X'inti tosserva?

COSETTE — Nosserva l-biza' f'ghajnejk. Biza' minhabba xi sigriet kbir li ilek iggorr go fik is-snin. Sigriet li ma tridx taqsmu mieghi.

VALJEAN — Iskot Cosette.

COSETTE — L-ghaliex dil-hajja stramba taghna, dejjem wahidna, dejjem nippakkajw u nitilqu llebbtu f'hakka t'ghajn... biex ma nghidx naharbu? U ghalhekk ma tridni nhobb lill-ebda guvni... ma tridni nintrabat ma' hadd... minhabba dan il-biza' li dejjem idur bhal fatat madwarek. Ghaliex ma tridx tiftah qalbek mieghi?

VALJEAN — Kollox sew, binti. Nghidlek. Jien qattajt 12-il sena shah fil-habs. Id-delitt tieghi kien li kont sraqt hobza ghax konna se mmutu bil-guh. Ippruvajt nahrab kemm-il darba .....

*TIDHOL IL-MUZIKA li titqawwa bil-mod il-mod sa ma tidfen il-kliem u x-xena tspicca b'COSETTE tghnnaq lil VALJEAN.*

*FADE to BLACKOUT*

---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

## XENA 8 - IL-BARRIKATI

_ENJOLRAS, MARIUS u studenti ohra qed jibnu l-barrikata u jlesti ghall-attakk._

ENJOLRAS Newlu kull ma tistghu ssibu. haffu, haffu.

COURFEYRAC Ahna lest... nistennew biss is-sinjal minghandek.

ENJOLRAS Issa jaqbel li ma nghagglux izzejjed. Ma nahhlux l-armata tinbixna u ddahhalna f;xi nassa. Inhallu lilhom jaghmlu l-ewwel mossa.

MARIUS Thabbilx rasek... did-darba mhumiex se jqarrqu bina.

_Minn fuq il-Barrikata jitfacca suldat ta’ l-armata._

SULDAT Messagg mill-aramata rjali. Jaqblilkom iccedu jekk tridu tevitaw massakru. Cedu u kulhadd jithalla jmur ghal triqtu fil-paci.

ENJOLRAS Il-paci tasal biss meta jirnexxilna nehilsu minnkom. Mur ghid lill-Kmandant tieghek li b’demmna lestu nsaqqu z-zerriegha tal-paci.

SULDAT Boloh. Demmkom mhux se jsaqqi zrieragh, imma se jgharraq Parigi kollha.

*SULDAT jitlaq. WARA ftut jitfacca VALJEAN liebes uniformi. Imur dritt fuq MARIUS.*

VALJEAN Marius.... jehtieg inkellmek.

MARIUS X'gara M'sieur? kif inti liebes dik l-uniformi?

VALJEAN Ilbistha apposta biex inkun nista' nasal x'hawn sa hdejk.

MARIUS Jaqaw inqala' xi haga lil Cosette?

VALJEAN Ghal issa le; imma jista' jinqala'.

MARIUS Minix nifhmek.

VALJEAN Jekk tigri xi haga lilek, Cosette tiggennen. Ibni, hawn mhux postok. Imxi mieghi.

MARIUS Kliemek donnu l-eku tal-kuxjenza mqallba tieghi. Ili ljieli shah nahseb u nhewden; intella' u nnizzel. Minn mindu jien u Cosaette bdejna ninhabbu, mohhu fiha biss.

VALJEAN Mela, x'inti tistenna, imxi niehdok hdejn Cosette qabel ikun tard wisq.

MARIUS Imma M'sieur, dawn shabi wkoll ghandhom l-gheziez taghhom; ukoll ghandhom lil min qed jaqsam qalbu minhabba fihom. X'jien ahjar minnhom?

VALJEAN — Ibni, kliemek huwa nobbli hafna, imma kif tsta' tippjana futur mal-mahbuba tieghek jekk toqghod tilaghbha mal-mewt?

MARIUS — Jekk ma niggildux ma jkollniex futur. Postu hawn naqdi s-sejha ta' pajjizi biex ghada jisbah jum gdid.

## Kanzunetta 8 - Jisbah Jum *(One Day More)*

VALJEAN — Jisbah jum

Jum iehor gdid li hadd ma jaf x'se jgib

Jum iehor xejn ma jtina hlief tigrib

Jehtieg nitbieghed minnufih

Biex forsi nsib daqsxejn mistrieh,

Jisbah jum...

MARIUS — Jien qatt ma ghixt kif ghixt illum

'Mma kif se nghix bla mhabba tieghek?

VALJEAN u KOR — Jisbah jum...

MARIUS u COSETTE — Izda ghada min jaf fejn se tkun

B'dankollu nhossni bdejt nghix mieghek

EPONINE — Jisbah jum biex wahdi nkun

MARIUS u COSETTE — Min jaf ghadx narak mill-gdid

EPONINE — Jisbah jum bla jaghti kasi

MARIUS u COSETTE — Gejt fid-dinja biss ghalik

EPONINE — X'hajja hienja kienet tkun

| | |
|---|---|
| MARIUS u COSETTE | Zgur li qatt ma se ninsiek |
| EPONINE | Izda mhabba qatt ma rajt |
| MARIUS | Jisbah jum ta’ mewg imqit! |
| | Tghid insegwi fejn tmur hi! |
| | Wara l-hajt il-helsien taghna |
| | Jew ma' sha-bi nibq' hawn-hekk? |
| | X’hin ninghaqdu ghat-taqbid |
| | X’naghmel... noqghod jew immur? |
| | Lesti intom ghat-taqbid? |
| KULHADD | Dan huwa l-waqt |
| | Dan huwa l-post |
| VALJEAN u KOR | Jisbah jum |
| JAVERT | Jisbah jum u tqum rewwixta |
| | Li nohnoqha f’qasir zmien |
| | Jien naf kif nindiehes maghhom |
| | U nwassalhom sat-telfien |
| VALJEAN u KOR | Jisbah jum |
| THENARDIERS | W ahna nistennew |
| | Li narawhom fl-art |
| | Halli l-bwiet nimlew |
| | Fil-pront kif naghtu s-salt; |
| | Forsi xi pendent |
| | Xi curkett leqqien |
| | Viva dir-rewwixta |

F’isem il-helsien

STUDENTI Jisbah jum ta’ xemx hanina

L-istandard intellghu 'l fuq

Riesaq fuqna zmien rebbieh

Riesaq fuqna zmien rebbieh

Dinja gdida hemm ghalina

Biex nirbhuha f’dan il-jum

Isma’ l-poplu b’lehen shih

MARIUS Jien posti hawn

Ghal maghkom lest!

VALJEAN u KOR Jisbah jum

MARIUS u COSETTE Jien qatt ma ghixt kif ghixt illum

EPONINE Jisbah jum u jiena wahdi nkun

JAVERT Jien nindiehes mal-marmalja

Insgwihom qisni dell

VALJEAN u KOR Jisbah jum

THENARDIERS W ahna nistennew

Li narawhom fl-art

Halli l-bwiet nimlew

Fil-pront kif naghtu s-salt;

JAVERT Se jsibuna lest’ghalihom

KULHADD U ghada nsiru nafu

Dal-gejjieni gdid kif ser ikun

Fi ftit hin

Fi ftit zmien

Jisbah jum!

---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

## XENA 8 - *(l-istess)* IL-BARRIKATA

*PHILIPPE jintebah b'Javert*

PHILIPPE *(lil Enjolras)* Javert! Dak Javert... il-kmandant!

STUDENT Iva.. Javert.... spija!

*JIGRU fuq JAVERT, jahtfuh u jorbtulu jdejh*

ENJOLRAS Javert eh? Il-Lupu jindiehes mal-merhla tal-Hrief. Hekk minghalik, hux tassew? Minghalik li se ssibha facli li taghmel massakru minn din il-merhla gwejda. Imma hsieb gharralek, habib. Issa inti l-Haruf fil-gemgha ta' l-Ilpup. X'se naghmlu bih, hbieb?

KULHADD Mewt! Mewt ghall-ispjuni kollha.

MARIUS *(lil Enjolras)* Ahna m'ghandix zmien x'nitilfu mieghu. Ejja nhalluh f'idejn dan is-sinjur *(juri lil Valjean)*.

ENJOLRAS Tajjeb wisq. Sinjur, il-prigunier taghna f'idejk. Hu hsieb inti wettaq is-sentenza li tajnieh. Ahna ghandna xoghol iehor x'naghmlu. *(lil shabu)* Hbieb kulhadd fuq xoghlu.

*ENJOLRAS, MARIUS u l-bqija jitilqu. Jistgħu jibqgħu biss xi zewg studenti għassa mal-barrikata. Jibqgħu VALJEAN u JAVERT.(Tajjeb li VALJEAN diga jkollu pistola f'idu)*

JAVERT

Mela sa fl-aħħar wasal il-jum li min jaf kemm ilek tistenna. Id-destin hadem dejjem favur tiegħek. X'inti tistenna 24601? Wettaq is-sentenza.

VALJEAN

Iva... fi hsiebni nwettaqha minnufih. Imma mhux b'din *(jurih il-pistola),* imma b'din *(johrog sikkina)*. Din aktar siekta.

*JAVERT jitkexkex u jingibed ftit lura. VALJEAN jersaq fuqu f'salt u jaqtagħlu l-ħbula li bihom ikun marbut.*

VALJEAN

Mur.

JAVERT

X'inhu?

VALJEAN

Ghidtlek mur. Inti hieles.

JAVERT

Hieles kif?

VALJEAN

Jigifieri jien naf nahfer kif hafru lili. Naf inhenn kif darba hennew miegħi. Mur. MUR!

*JAVERT jiitlaq jigri 'l gewwa.*

*Wara ftut jidhol MARIUS*

MARIUS

Kollox sew? Hlist minnu?

VALJEAN Iva... hlist minnu.

MARIUS X'sikta hawn il-lejl. Qed inhoss bhalma kalma stramba.

VALJEAN Il-kalma ta' qabel it-tempesta. *(idur b'hegga fuq Marius)* Ibni, jien se nkun hawn, nitqabad spalla ma' spalla maghkom. Hu hsieb tieghek innifsek.

MARIUS Grazzi M'sieur, naghmel hilti kollha biex nerga' lura fi hdan Cosette qawwi u shih.

<u>*MARIUS jitlaq lura ghall-ghassa.*</u>

## Kanzunetta 9 - Hawn Mulej *(Bring Him Home)*

VALJEAN Hawn Mulej

Nitlob gejt

F'kull tigrib

Jien lejk irrikkorrejt

Ghadu zghir

Ftit bezghan

Zommu sod

Zommu 'l boghod

Mill-ugigh

Gibu d-dar

Qawwi w shih

Jien bhal missier se nkun ghalih

Se jkun dak ibni li m’ghandix

Iz-zmien li jtir

Ma jhallix

Hlief niket kbir;

Jien mikdud

U daqt nixjieh

U daqt immut

Tih kull sliem

Ferh fir-ruh

Hemm arah

Ghadu l-vera zaghzugh

Int ghalih

Biss trid tkun

Hallih jghix

F’dan il-jum

Halli mmut

Jien ghalih

Hallih jghix

Gibu d-dar

Qawwi w shih

Qawwi w shih

-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

## XENA 9 - *(l-istess)* IL-BARRIKATA

*Jidhlu MARIUS, ENJOLRAS, EPONINE u l-bqija*

*ENJOLRAS qed jitkellem ma' MARIUS*

ENJOLRAS — Nehtiegu aktar ammunizzjoni. L-aramata migbura fuq in-naha l-ohra. Jekk irridu naqsmu lil hinn, issa huwa l-waqt. Neghtiegu 'l hadd li lest jissogra hajtu u jaqsam il-barrikata.

MARIUS — Immur jien.

ENJOLRAS — Le... lilek ghandna bzonnok hawnhekk il-hin kollu.

EPONINE — Immur jiena.

ENJOLRAS — Int? Eponine?

EPONINE — Ghaliex le? Mhux dejjem hdimt maghkom f'kull ma kien jehtieg. Naf x'ghandi naghmel.

ENJOLRAS — Kollox sew. F'idejk mela.

MARIUS — *(jersaq fuqha bil-hlewwa)* Eponine... attenta. Ghandna bzonnok.

EPONINE — Jien ukoll!

*EPONINE titla' u taqsam il-Barrikata. L-ohrajn kollha jittawlu anzjuzi lejha. Wara ftit tinstema SPARATURA (u dahna).*

PHILIPPE Sparawlha. Qatluha!

*JIBDA L-ATTAKK li matulu kemm MARIUS kif ukoll VALJEAN jispiccaw minxurin ma' l-art.*

*Meta jintemm l-attakk, VALJEAN iqum bil-mod u bit-tbatija. Jersaq fuq MARIUS. Meta jarah li mhux qed jiccaqlaq jipprova jghinu jqum. Jerfghu minn taht abtu. Hekk kif ikun se johrog bih jitfacca JAVERT.*

JAVERT Ergajna ltqajna. Issa l-loghba spiccat. Tliftu kollox. Inti issa taht idejja.

VALJEAN Mintix tara li dan iz-zaghzugh ghandu bzonn il-kura? Sejjer bih ghand Dottor Baldacchino. L-indirizz tieghi tafu. Id-dar se nkunu. Nistenniek hemm u ejja arrestani kemm trid.

*JAVERT jibqa' bla ma jiccaqlaq u jhalli lil VALJEAN sejjer fuq xoghlu.*

-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------

**XENA 10 - IT-TIEG**

*MISTEDNIN libsin pulit ghat-tieg. VALJEAN f'nofshom.*

VALJEAN Merhba bikom sinjuri. Illum huwa l-isbah jum ta' hajti u ghalhekk nirringrazzjakom li gejtu taqsmu din l-okkazjoni maghna. Illum binti Cosette se tibda hajja gdida... u jien... heqq... jien qed ninduna li xjeht ftit aktar.

*JIDHLU COSETTE u MARIUS. Capcip mill-folla. Kulhadd idur maghhom, jghannaqhom u johdilhom b'idejhom.*

*Mill-genb jidhlu t-THENARDIERS (mibdulin)*

Mme.THENARDIER U ahna gejna wkoll, avolja m'ahniex mistiedna.

THENARDIER Ixxx.. iskot ghaziza tieghi. Illum se naghmlu l-akbar serqa ta'hajjitna. Ara kemm hawn sinjuri u kemm dehbijiet ghandhom. Minn hawn u ftit iehor kulhadd jitlahlah u x-xorb jibda tiela' fl-irjus.

Mme.THENARDIER Imbaghad nidhlu ahna. Diga rajt gizirana l-gmiel taghha.

THENARDIER U curkett tqil ratlejn.

Mme.THENARDIER U cappetta kollha rubini.

THENARDIER U polka t' arlogg tiswa fortuna.

*JIDHOL JAVERT mas-Suldati.*

JAVERT Sibtkom sa fl-ahhar. Issa hadd ma jista' jahrab aktar.

VALJEAN Javert! X'gara? Anki hawnhekk irnexxielek issibni ???

JAVERT Skuzani sinjur. Ma jidhirlix li qatt iltqajna. Ma nafekx. Jiena gejt biex narresta lil dawn iz-zewg hallelin. Tghidx kemm ili nsegwihom. Suldati!

*Is-Suldati jarrestaw lit-THENARDIERS*

Mme.THENARDIER *(lil zewgha)* U inti ghidtli li din se tkun l-akbar serqa ta' hajjitna.

THENARDIER U hekk hu. Serqu lilna.

JAVERT *(lil Valjean u l-bqija)* Skuzana Sinjuri ta' l-interruzzjoni. Nawguraw kull rizq u hena lill-gharajjes.

**Kanzunetta 10 - *Medley***

*************************** TMIEM ***************************